MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Mejju, 2017

Rikors Revoka numru 3/17LM

Fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat 502/2016LM u wara il-Mandat ta' Sekwestru numru 954/2016 fl-ismijiet:

**Dr Josette Sultana (K.I. 510271M) bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' Mohammad Imad Raouf (passaport ta' New Zealand nru LL359925) u Iman Salim Daoud (passaport ta' New Zealand nru LL535452)**

***vs.***

**MPM Capital Investments Limited (C 46783)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **MPM Capital Investments Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà sekwestrata") ippreżentat fit-3 ta' Jannar, 2017, li jgħid kif ġej:

*Illi r-rikors odjern qiegħed jiġi intavolat ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-Kodiċi t'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, liema artikolu jippermetti lill-intimat, li jkun*

*inħareġ att kawtelatorju kontrih, jagħmel rikors lill-Qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża, li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat in toto jew in parte;*

1.1. *Illi s-soċjetà esponenti hija detentur ta' liċenzja numru IS/46783 maħruġa mill-Malta Financial Services Authority ("MFSA") fit-12 ta' Ġunju, 2009 (kopja annessa u mmarkata "Dok A[1]") sabiex tipprovdi ċerti servizzi ta' investiment lil terzi kif speċifikat fl-istess liċenzja ("Liċenzja ta' Servizz ta' Investiment");*

1.2. *Illi Dr Josette Sultana fil-kwalità tagħha ta' mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' Mohammand Imad Raouf u Iman Salim Daoud ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 954/16 ("Mandat ta' Sekwestru") fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi kontra l-esponenti u li qed jiġi hawn anness u mmarkat "Dok. B[2]" in kawtela tal-kreditu pretiż ta' Eur 1,116,497.56;*

1.3. *Illi Dr Sultana nomine pproċediet sabiex tippreżenta kawża kontra s-soċjetà esponenti fir-rikors ġuramentat numru 502/2016 LM Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Dr Josette Sultana (KI 510271M) bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' Mohammad Imad Raouf (New Zealand passaport numru LL359925) u Iman Salim Daoud (New Zealand passaport LL535452) v MPM Capital Investments Limited (C 46783) ("il-Kawża") liema Kawża ġiet ikkontestata mis-soċjetà esponenti, kif jirriżulta mill-atti tal-proċess tal-Kawża odjerna;*

1.4. *Illi b'riżultat tal-Mandat ta' Sekwestru ġew sekwestrati numru ta' kontijiet bankarji tas-soċjetà esponenti illi wħud minnhom huma kontijiet miftuħa mill-esponenti bħala "Clients Accounts" għaliex ġew miftuħa mis-soċjetà esponenti mal-bank rispettiv speċifikatament sabiex jinżammu fihom fondi ta' klijenti tas-soċjetà esponenti u mhux fondi patrimonju tas-soċjetà esponenti u dan bħala parti mis-servizz ipprovdut mis-soċjetà esponenti taħt il-Liċenzja ta' Servizz ta' Investiment;*

1.5. *Illi fost il-kontijiet bankarji sekwestrati riżultat tal-Mandat ta' Sekwestru hemm is-segwenti kontijiet bankarji miftuħa mal-Banif Bank (Malta) plc li jġibu n-numri 00488852 101 u 00488852 151 li kif jirriżulta mill-ittra ta' konferma maħruġa mill-istess Bank (kopja hawn annessa u mmarkata "Dok C[3]") huma lkoll "Client's accounts" inkwantu jikkontjenu fondi appartenenti lill-klijenti terzi u mhux lis-soċjetà esponenti;*

---

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.
[2] *A fol.* 6 sa 8 tal-proċess.
[3] *A fol.* 9 tal-proċess.

*1.6. Illi b'riżultat ta' dan is-sekwestrat mhuwiex f'posiżjoni illi jittrasferixxi l-fondi appartenenti lill-klijenti skont l-istruzjonijiet illi jirċievi minn żmien għal żmien.*

*1.7. Illi kif jirriżulta mill-artikolu 1124B tal-Kodiċi Ċivili:*

> *1124B. (2) Meta persuna żżomm proprjetà soġġetta għal obbligazzjonijiet fiduċjarji, dik il-proprjetà ma tkunx soġġetta għat-talbiet jew drittijiet ta' azzjoni tal-kredituri personali tagħha jew tal-parti l-oħra tagħha fiż-żwieġ jew ta' werrieta tagħha skont il-liġi.*

*u għalhekk mhux suppost li kontijiet bankarji tat-tip "Client's Accounts" li jikkontjenu fondi ta' klijenti terzi u mhux fondi tas-sekwestrat jiġu milquta mill-Mandat ta' Sekwestru;*

*1.8. Illi inoltre l-Artikolu 3(2) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Assi Skont L-Att Dwar Servizzi Ta' Investiment (L.S. 370.05) inoltre jipprovdi illi : "Minkejja kulma jista' jkun hemm imsemmi fl-artikolu 1894 tal-Kodiċi Ċivili jew fil-ftehim magħmul bejn il-persuna suġġetta u l-klijent jew il-fatt li l-assi ta' klijent miżmuma taħt il-kontroll ta' persuna suġġetta jkunu reġistrati f'isem u taħt it-titolu ta' persuna suġġetta jew ikunu xort'oħra vestiti f'din il-persuna, dawk l-assi għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu patrimonju distint, li jkun separat minn dak li jappartjeni lill-persuna suġġetta u minn dak ta' klijenti oħra li jkollhom l-assi tagħhom ukoll miżmuma taħt il-kontroll tal-persuna suġġetta.";*

*1.9. Illi fiċ-ċirkustanzi u stante li l-clients' accounts issekwestrati ma jappartjenux lis-soċjetà esponenti u għalhekk m'għandhomx ikunu suġġetti għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, mhux raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu, wisq anqas mhu meħtieġ jew ġustifikabbli;*

*1.10. Illi fid-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc (C 1607) vs. Melvyn Mifsud (K.I. Nru 605761(M) u Jacqueline Pace Balzan ġja Mifsud (K.I. 241785), datata 30 t'April 2015, li kienet tikkonċerna mandat ta' sekwestru li laqat ukoll flus li ma kinux tas-sekwestrat imma flus li kienu miżmuma għan-nom ta' terzi, f'dan il-każ flus ta' eredità li kien qed iżomm għandu s-sekwestrat, il-Qorti laqgħet it-talba u lliberat il-flus hekk milquta mill-mandat u li kienu jappartjenu lil terzi;*

*1.11. Illi fid-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Exante Limited (C 52182) vs Bank of Valletta p.l.c. (C2833), datata 25 t'Awwissu 2015, minkejja li ma kienx każ li jikkonċerna mandat ta' sekwestru, is-soċjetà Exante Limited kienet topera kontijiet bankarji fejn hija tiddepożita u tiġġestixxi flejjes li mhumiex tagħha*

*imma li huma tal-klijenti tagħha, u li f'dan il-każ l-Onorabbli Qorti ordnat lis-soċjetà intimata sabiex tirriattiva l-aċċess sħiħ tas-soċjetà Exante Limited għall-"clients accounts intestati f'isem is-soċjetà rikorrenti iżda kontenenti flus ta' terzi klijenti minnufih li l-ordni tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Awwissu 2015 tiġi revokata fil-konfront tar-rikorrenti";*

*Għalhekk, in vista tas-suespost, u filwaqt li l-esponenti tirriserva l-jeddijiet kollha tagħha u li tressaq provi u li tagħmel is-sottomissjonijiet meħtieġa, l-istess esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra li jidhirlha xierqa u opportuna u filwaqt li tittratta dan ir-rikors b'urġenza:*

1) *Tirrevoka u tħassar in toto, jew sussidjarjament in parte, skont il-każ il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet u bin-numru premessi a tenur tal-artikolu 836(1)(d) u/jew 836(1)(f) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili inkwantu dana jolqot il-kontijiet bankarji mal-Banif Bank (Malta) plc li jġibu n-numri 00488852 101 u 00488852 151 u dan taħt dawk il-kondizjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni, u dan stante li dawn huma clients' accounts u mhumiex flejjes tas-sekwestrat imma flejjes li jappartjenu lil terzi u li għalhekk m'għadhomx ikunu suġġetti għall-mandat ta' sekwestru u sabiex tordna r-rilaxx lis-sidien proprji tagħhom;*

2) *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma li ma għandhiex tilqa' talba tal-esponenti għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, tordna u tikkundanna lill-atturi sabiex jagħtu, fi żmien stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa lill-esponenti għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' spejjeż, danni u mgħax ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna li, jekk tali garanzija ma tingħatax entro t-terminu akkordat, jitneħħa l-mandat;*

*Bl-ispejjeż u b'riserva għal kull azzjoni spettanti lill-esponenti għad-danni naxxenti mill-mandat premess.*

Rat ir-Risposta ta' **Dr Josette Sultana *nomine*** (minn issa 'l quddiem "is-sekwestranti") ippreżentata fis-13 ta' Frar, 2017, fejn opponiet għat-talbiet tas-soċjetà sekwestrata għas-segwenti raġunijiet:

1. *Illi l-esponenti nomine qiegħda tintavola dina r-risposta sabiex tottempra ruħha mad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 4 ta' Jannar 2017.*

2. *Illi primarjament jidher ċar li r-rikors għar-revoka tal-mandat ġie intavolat wara diversi xhur li ġie intavolat dana l-mandat għaldaqstant jidher ċar li r-rikorrenti setgħet tagħti kwalukwe servizzi finanzjarji mingħajr l-ebda diffikultà għal diversi xhur mingħajr tfixkil;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess, il-kawża intavolata mill-esponenti nomine li l-mertu tagħha qiegħed ukoll quddiem dina l-Onorabbli Qorti għadu fi stat bikri ħafna però l-esponenti nomine ppreżentat numru konsiderevoli ta' dokumenti li minnhom wieħed jara li l-mertu huwa wkoll rigward investimenti u flejjes li l-esponenti għandhom depożitati għand ir-rikorrenti suppost fil-clients account;*

4. *Illi r-rikorrenti fir-risposta ġuramentata tiegħu kkontenda li huwa kien għadda l-flus appartenti lill-esponenti lil terzi senjalatement lill-kumpanniji ICaption u Primero Capital Solutions Limited li ġew ikkjamati in kawża mill-istess konvenuti u li qegħdin jgħidu li ma jistgħux jinnotifikaw lill-istess kumpanniji;*

5. *Illi barra minn hekk jidher ċar anke miċ-ċedola ta' depożitu tal-istess banek li l-ammont ta' flus li ġie ddepożitat huwa minimu u żgur ma jkoprix l-investimenti kbar li dina l-kumpannija tagħmel jew iżżomm flus għal klijenti tagħha [Dok A - Dok B]*[4]*;*

6. *Illi ta' minn jgħid ukoll li r-rikorrenti għandhom diversi mandati oħra kontra tagħhom minbarra dan intavolat mill-esponenti hekk kif jidher mis-sistema tal-Qrati u dawna l-mandati huma għal ammonti konsiderevoli u fl-ismijiet "Halibia Ibrahim vs. MPM Capital Investment [Nru 1808/2016]; Richard Haring vs MPM Capital Investments Limited [Nru 344/2016]; Mario Fenech vs MPM Investments Limited [1587/2016].*

7. *Illi barra minn hekk jidher li l-Banif Bank ma għamel l-ċedola ta' depożitu, rikors jew kwalunkwe att ieħor fejn indika li huwa għandu flus li jappartjenu lir-rikorrenti u dina hija l-ewwel darba li l-istess Bank qiegħed jiddikjara li għandu fondi appartenenti lill-istess rikorrenti;*

[4] Dok A *a fol.* 20 tal-proċess rigward ċedola ta' depożitu fl-ammont ta' €215.44 mill-Bank of Valletta p.l.c. fl-atti tal-mandat ta' Sekwestru nru 344/2016 fl-ismijiet **Richard Haring *vs.* MPM Capital Investments Limited** u dok. B *a fol.* 21 u 22 tal-proċess rigward ċedola oħra tal-Bank of Valletta p.l.c. fl-istess atti fl-ammont ta' €6,702.50.

8. *Illi l-esponenti tikkontendi li r-rikorrenti għandu jieħu somma konsiderevoli li tappartjeni lilu u li sal-ġurnata tal-intavolar ta' dina r-risposta tammonta għal oltre ħames miljuni u sitt mitt dollaru Amerikan li għandhom jidhru fuq il-platform u l-website tal-kumpannija rikorrenti hekk kif jidher mid-dokument hawn immarkat bħala Dok C.*[5]

9. *Illi fl-eventwalità li jiġu rrilaxxati l-clients account li ma ġietx ippreżentata l-ebda prova dwar il-bilanċi u jekk realment humiex qegħdin jiffunzjonaw dawna l-clients account, l-atturi jistgħu jbatu preġudizzju stante li l-investimenti dovuti lillhom suppost qegħdin f'dawna l-bank accounts;*

10. *Illi bir-rispett kollu l-esponenti jħossu li tkun inġustizzja magħhom jekk jintalbu jħallsu garanzija peress li barra li r-rikorrenti qegħdin jżommu flus li jappartjenu lillhom hekk kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża u hekk kif jidher prima facie mid-dokument anness isofru aktar preġudizzju billi jkollhom jagħmlu depożitu addizzjonali;*

*Għaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti hekk kif intavolati f'dana ir-rikors għar-raġunijiet premessi stante l-ebda waħda mill-elementi f'artikolu 836 (1) et seq ta' Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jissusistu fiċ-ċirkostanzi ta' dana l-każ.*

Rat l-atti kollha ta' dan ir-rikors.

Rat id-dokumenti kollha esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda mressqin mill-partijiet.

[5] *A fol.* 23 tal-proċess.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2017 fejn ir-rikors tħalla għal provvediment għal-lum, wara li l-partijiet ittrattaw ir-rikors, liema trattazzjoni ġiet reġistrata bil-mezz elettroniku.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan huwa rikors għal revoka *in parte* ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 954/2016 ai termini tal-artikolu 836(1)(d) u/jew (f)[6] tal-Kap. 12 safejn dan il-Mandat jolqot żewġ kontijiet bankarji tas-soċjetà sekwestrata li għandha mal-Banif Bank (Malta) p.l.c. li s-soċjetà sekwestrata jsostni li huma *clients' accounts* u li jikkontjenu flejjes li jappartjenu lill-klijenti tagħha u mhux lis-soċjetà sekwestrata. Is-soċjetà sekwestrata ssostni illi kemm skont l-artikolu 1124B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[7] u kemm skont ir-regolament 3(2) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Assi Skont L-Att Dwar Sevizzi ta' Investiment, Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta[8], mhux suppost li kontijiet bankarji tat-tip *"clients' accounts"* li jikkontjenu fondi ta' klijenti terzi u mhux fondi tas-sekwestrat, jiġu milquta minn mandat ta' sekwestru.

[6] "836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
..*omissis* ...
(*d*) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew
...*omissis*...
(*f*) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."

[7] "1124B. (2) Meta persuna żżomm proprjetà soġġetta għal obbligazzjonijiet fiduċjarji, dik il-proprjetà ma tkunx soġġetta għat-talbiet jew drittijiet ta' azzjoni tal-kredituri personali tagħha jew tal-parti l-oħra tagħha fiż-żwieġ jew ta' werrieta tagħha skont il-liġi."

[8] "3(2) Minkejja kull ma jista' jkun hemm imsemmi fl-artikolu 1894 tal-Kodiċi Ċivili jew fil-ftehim magħmul bejn il-persuna suġġetta u l-klijent jew il-fatt li l-assi ta' klijent miżmuma taħt il-kontroll ta' persuna suġġetta jkunu reġistrati f'isem u taħt it-titolu ta' persuna suġġetta jew ikunu xort'oħra vestiti f'din il-persuna, dawk l-assi għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu patrimonju distint, li jkun separat minn dak li jappartjeni lill-persuna suġġetta u minn dak ta' klijenti oħra li jkollhom l-assi tagħhom ukoll miżmuma taħt il-kontroll tal-persuna suġġetta."

Is-soċjetà sekwestranta qiegħda titlob illi fin-nuqqas li tiġi milqugħa l-ewwel talba tagħha, il-Qorti għandha timponi garanzija xierqa għall-ħlas ta' eventwali penali, danni, spejjeż u mgħax a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 fi żmien stabbilit mill-Qorti u fin-nuqqas li tingħata tali garanzija entro dan it-terminu, il-mandat ta' sekwestru għandu jitneħħa.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Fix-xhieda tiegħu **Melvyn Mangion**[9] direttur tas-soċjetà sekwestrata, spjega li s-soċjetà sekwestrata ilha reġistrata mal-MFSA mill-2009 u għandha *Investment Capital Licence Catagory* 2[10], jiġifieri tista' żżomm flus tal-klijenti u teżegwixxi ordnijiet tagħhom. Ix-xhud ippreżenta konferma mill-Banif Bank[11] li l-kontijiet bin-numru 00488852 101 u 00488852 151 li s-soċjetà sekwestrata għandha mal-Banif Bank (Malta) plc, huma *clients' accounts*[12], li fihom jiġu depożitati flejjes ta' klijenti li jridu jagħmlu xi tranżazzjoni jew iridu jinvestuhom. Fil-kont tal-Euro hemm depożitati €16,247, filwaqt li l-kont tad-Dollar Amerikan hemm depożitati $5,063. L-imsemmija kontijiet huma fil-fatt intestati "on behalf of clients". Dwar *clients' accounts* is-soċjetà sekwestrata obbligata tagħti rendikont lill-MFSA kull tliet xhur għar-rigward ta' liema huma dawn il-kontijiet.[13] Melvyn Mangion spjega wkoll li s-soċjetà sekwestrata għandha kontijiet oħrajn bi flejjes tas-soċjetà konvenuta stess biex jitħallsu minnhom l-ispejjes u l-pagi. Ix-xhud esebixxa korrispondenza li bagħat lill-

---

[9] *A fol.* 25 sa 30 tal-proċess u kontroeżami *a fol.* 30 sa 36 tal-proċess.
[10] *A fol. 5* tal-proċess.
[11] *A fol.* 9.
[12] *A fol.* 37 tal-proċess.
[13] *A fol.* 39 sa 41 tal-proċess, li juru li hemm €16,247 f'kont wieħed u $5,063 fl-ieħor.

MFSA fejn talabha tintervjeni biex ma jintmissux dawn il-*clients' accounts,* u l-MFSA wieġbet kif ġej[14]:

> "We understand your concern that clients are being affected by the garnishee order against MPM, which order Banif Bank has applied to clients' accounts. We are also in agreement with the fact that clients' assets or funds held by MPM are separate and distinct from assets or funds of MPM and should not be subject to any claims or right of action of creditors of MPM. Under the circumstances MPM should, without delay, make an application to the Court to explain that the garnishee order should not apply to clients' accounts and to ask the court to issue an order excluding the said clients' accounts from the garnishee order."

Melvyn Mangion jgħid illi l-MFSA kienu qalulu biex jagħmel rikors (ix-xhud isejjaħlu 'kontromandat') biex il-flus depożitati fl-imsemmija *clients' accounts* jiġu rilaxxjati biex hu jkun jista' jgħaddihom lill-klijenti li jkunu jridu jiġbduhom.

Fix-xhieda tiegħu Melvyn Mangion jgħid ukoll li lill-MFSA jagħtihom biss il-bilanċi u dawn jagħmlu l-verifiki u l-moniteraġġ tagħhom. Stqarr illi l-aħħar tranżazzjonijiet li għamel f'dawn il-kontijiet kienu jumejn qabel ma ġie intavolat il-Mandat. Wara ma baqax jiddepożita fihom u lanqas seta' jiġbed minnhom għax il-Banif Bank kien qed jistenna ordni mill-Qorti biex jirrilaxxja dawn iż-żewġ kontijiet. Hu spjega li hu speċi ta' *service provider* fejn dak li jkun minflok jinqeda dirett magħhom biex jinvesti, jinqeda bi *platform* ipprovduta fuq l-*internet.*

Ix-xhud l-avukat **Dr Michael Psaila**, konsulent legali tal-Banif Bank (Malta) plc[15], spjega li bejn ir-regolament 5(3) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Assi

[14] *A fol.* 42 tal-proċess – korrispondenza ma' Dr Audrienne Galea mill-Enforcement Unit tal-MFSA.
[15] *A fol.* 43 sa 46 tal-proċess.

Skont L-Att Dwar Sevizzi ta' Investiment, Kap. 370[16] u r-regolament 3(2) tal-istess Leġiżlazzjoni Sussidjarja hemm kontradizzjoni u għalhekk kien ta parir lill-bank biex ma jirrilaxxjawx il-flus ħlief fuq ordni tal-Qorti.

Ix-xhud **Darren Mascena**, uffiċjal ieħor tal-Banif Bank (Malta) plc mill-*legal and compliance unit,* xehed[17] li l-bank bħala proċedura jagħmel proċess sempliċi billi jivverifika li l-klijent ikun issottometta d-dokumenti kollha neċessarji biex jinfetaħ *clients' account.*

Ix-xhud **Kylie Micallef,** uffiċjal ieħor tal-Banif Bank (Malta) plc, mill-*credit operations unit,* tgħid li min irid jiftaħ *clients' account* irid jippreżenta d-dokumentazzjoni li turi li hu liċenzjat bħala *investment service provider* u jagħmel dikjarazzjoni unilaterali li jrid jiftaħ kontijiet biex fihom ipoġġi flejjes tal-klijenti tiegħu. Mistoqsija x'ikun hemm bżonn aktar mid-dikjarazzjoni unilaterali, hija tgħid li dan mhux fil-kompetenza tagħha u tirreferi lura għall-MFSA.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward tal-proċedura li ssir ai termini tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritjenew diversi drabi l-Qrati tagħna, l-proċedura

[16] "5(3) Fil-każ li xi assi miżmuma taħt il-kontroll tal-persuna suġġetta jiġu, fuq talba ta' xi kreditur tal-persuna suġġetta, assoġġettati għal xi att jew mandat sew kawtelatorju sew eżekuttiv maħruġ minn xi Qorti skont ma hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-klijent li dawk l-assi jkunu qed jinżammu għan-nom tiegħu jew l-awtorità kompetenti jistgħu, permezz ta' rikors fil-Qorti, jitolbu r-rilaxx tal-assi minn dak l-att jew mandat u l-Qorti għandha, meta jinġiebulha dawk il-provi li jidhrilha meħtieġa, tilqa' r-rikors mingħajr ebda dewmien għalxejn."

[17] *A fol.* 47 sa 50 u 52 u 53 tal-proċess.

maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*. Dan qalitu din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fil-kawża **Joseph Camilleri *vs.* Anthony Govè *et.*** deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001 b'dan il-kliem:

> "mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja." (vide f'dan is-sens id-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti kif presjeduta, fl-ismijiet **Emmanuel Balzan *vs.* Francelle Agius**[18] u **More Supermarkets (Hamrun) Limited *et. vs.* Alexander Farrugia *et*.**[19])

Illi f'din il-vertenza il-Qorti trid teżamina jekk *prima facie* hemmx provi biżżejjed li jindikaw li l-flejjes fiż-żewġ kontijiet suindikati humiex effettivament ta' terzi klijenti tas-soċjetà sekwestrata. Din il-prova jrid jagħmilha proprju min qiegħed jallega dan, ċjoè s-soċjetà sekwestrata. Hu risaput li l-Qorti trid tiddeċiedi skont il-liġi iżda wkoll abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha u dan anki fl-ambitu tal-*prima facie.* Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li dak li qed jallega jrid jippruvah hu jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà sekwestrata trid għalhekk tipprova għall-inqas fuq bażi ta' *prima facie* li l-imsemmija żewġ kontijiet effettivament huma ta' klijenti tagħha u mhux tas-soċjetà sekwestrata nnifisha.

---

[18] Degretat fis-16.02.2015 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru Nru 131/15.

[19] Degretat fil-05.02.2015 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru Nru 1784/14. Vide ukoll f'dan is-sens **Carmelo Abdilla *vs.* Autosales Limited,** P.A.,17.05.2011.

Biex issostni t-teżi tagħha li l-kontijiet maqbuda bil-Mandat ta' Sekwestru Nru 954/2016 huma kontijiet ta' terzi u mhux tagħha, is-soċjetà sekwestrata tellgħet lill-impjegati tal-bank Banif bħala xhieda. Dawn l-impjegati kkonfermaw li dawn il-kontijiet kienu ta' *investment service provider* liċenzjat li jista' jiftaħ *clients' accounts.* Dawn l-impjegati qalu wkoll illi f'dan ir-rigward il-bank joqgħod fuq id-dikjarazzjoni unilaterali tas-soċjetà sekwestrata. Is-soċjetà sekwestrata pproduċiet ukoll bħala prova rapport li hija tibgħat lill-MFSA kull tliet xhur[20], fejn hemm iddikjarat illi l-kontijiet bin-numru 00488852 101 u 00488852 151 li s-soċjetà sekwestrata għandha mal-Banif Bank (Malta) plc, huma *clients' accounts.* Is-soċjetà sekwestrata tgħid ukoll illi dwar *clients' accounts* isiru *due diligence tests* mill-MFSA, però ma tressqu ebda provi li l-MFSA kienet għamlet il-verifiki tagħha dwar il-kontijiet li eventwalment kienu ssekwestrati.

Illi apparti minnhekk hemm fattur ieħor importanti li jeħtieġ ikun ikkunsidrat, illi r-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Assi Skont L-Att Dwar Servizzi ta' Investiment, Kap. 370, jirrikjedu li talba skont r-regolament 5(3) trid issir mill-klijent li dawk l-assi jkunu qed jinżammu għan-nom tiegħu jew mill-awtorità kompetenti permezz ta' rikors fil-Qorti, fejn jitolbu r-rilaxx tal-assi minn dak l-att jew mandat u l-Qorti għandha, meta jinġiebulha dawk il-provi li jidhrilha meħtieġa, tilqa' r-rikors mingħajr ebda dewmien għalxejn.

Illi fit-tifsira skont l-istess regolamenti[21] jingħad li "klijent" tfisser kull persuna li jkollha l-assi tagħha miżmuma taħt il-kontroll ta' persuna suġġetta. "Persuna suġġetta" tfisser persuna li jkollha liċenzja għal servizzi ta' investiment taħt l-

[20] *A fol.* 40 *et. seq.*
[21] Regolament 2.

Att jew li tkun xort'oħra awtorizzata jew approvata mill-awtorità kompetenti jew li tkun qiegħda taġixxi taħt eżenzjoni mill-ħtieġa ta' liċenzja bħal dik kif hemm fir-Regolamenti ta' Eżenzjoni għall-Att dwar Servizzi ta' Investiment, u tinkludi kustodju u "awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji. Ai termini tar-regolament, suċitati talba skont ir-regolament 5(3) trid issir min minn għandu l-flus tiegħu miżmuma f'dawn il-kontijiet jew mill-MFSA wara li tkun għamlet l-indaġni tagħha.

Fil-każ odjern it-talba qiegħda ssir mill-persuna suġġetta, ċjoè mis-soċjetà sekwestrata, li bħala prova li l-flejjes depożitati fil-kontijiet imsemmija ma jappartjenux lilha imma lil terzi klijenti tagħha, ippreżentat kopja ta' ittra maħruġa minn Banif Bank (Malta) plc fid-29 ta' Marzu, 2016[22] li tikkonferma li l-kontijiet bin-numru 00488852 101 u 00488852 151 li s-soċjetà sekwestrata għandha mal-Banif Bank (Malta) plc, huma *clients' accounts.* Ix-xhud **Darren Mascena**, mill-*legal and compliance unit* tal-Banif Bank (Malta) plc ikkonferma bil-ġurament il-kontenut ta' din l-ittra u li din kienet inħarġet minn Banif Bank.[23]

Tqis barra minn hekk li m'hemm ebda kontradizzjoni bejn r-regolament 3(2) u 5(3), fis-sens li l-ewwel regolament jagħmilha ċara li tali kontijiet ma jistgħux jinqabdu bis-sekwestru, però jekk għal xi raġuni dawn il-kontijiet jinqabdu xorta, huwa l-klijent tal-persuna suġġetta (f'dan il-każ is-soċjetà sekwestrata) jew l-Awtorità li għandhom jitolbu r-rilaxx tal-flejjes milquta bil-mandat.

[22] *A fol.* 9 u 37 tal-proċess.
[23] *A fol.* 48.

Is-soċjetà sekwestrata tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Lombard Bank Malta p.l.c. *vs.* Melvyn Mifsud *et*.,**[24] fejn hemmhekk kienu nġiebu provi ċari li kienu qed jinżammu flus ta' terzi. Fil-fatt din is-sentenza tgħid:

> "Riferibbilment għall-ammont ta' €3,542 li ġew depożitati mill-Bank intimat bħala sekwestratarju fl-atti ta' mandat ieħor, ikkonsidrat li mis-sentenza tal-On. Imħallef J. Zammit McKeon ċitata mir-rikorrent, jirriżulta li ġie deċiż li dan l-ammont kien miżmum mir-rikorrent għan-nom tal-eredità ta' Paul Spiteri. Għalhekk f'dan il-każ jirriżulta li din is-somma ma tappartjenix lir-rikorrent imma lill-terzi. Is-sentenza hija fl-ismijiet **Carolina Camilleri *et vs.* Dr. Anthony Cutajar *noe et*** (Rik. Gur. 1241/07 JZM – 23, ta' Mejju 2013) u għaddiet in ġudikat."

Tqis illi apparti l-provi li tressqu mis-soċjetà sekwestrata li juru ampjament illi l-kontijiet imsemmija huma *clients' accounts* u li għalhekk ma kellhomx ikunu milquta bil-mandat ta' sekwestru, fit-trattazzjoni finali l-avukat difensur tas-sekwestranti effettivament iddikjarat għan-nom tal-patroċinati tagħha li qiegħda tirrikonoxxi illi ż-żewġ kontijiet inkwistjoni huma fil-fatt *clients' accounts.*

Tqis għalhekk illi fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ il-Mandat ta' Sekwestru Numru 954/2016 fuq il-*clients' accounts* bin-numru 00488852 101 u 00488852 151 li s-soċjetà sekwestrata għandha mal-Banif Bank (Malta) plc u fejn il-flejjes li hemm depożitati ma jappartjenux lis-soċjetà sekwestrata. Il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà sekwestrata, bil-premessa li għamlet l-avukat difensur tas-sekwestranti, u ċjoè li s-sekwestranti m'għandhomx ibatu spejjeż, għax il-mandat ta' sekwestru ġie mitlub korrettement fuq l-assi tas-soċjetà sekwestrata u mhux fuq l-assi ta'

[24] P.A., 30.04.2015.

terzi klijenti tagħha u għaldaqstant is-sekwestratarji m'għandhomx ibatu spejjeż ta' din il-proċedura.

Illi kwantu għat-talba tas-soċjetà sekwestrata għall-għoti ta' garanzija a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap. 12, hawnhekk irid jingħad li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu partikolari tal-liġi huwa wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat għalkollox jew in parti. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqiegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn.

L-artikolu 838A tal-Kap. 12 effettivament jgħid:

> "Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."

Ladarba t-talbiet tas-soċjetà sekwestrata ġew allaċċjati mar-revoka in parte tal-mandat safejn jolqot biss iż-żewġ kontijiet bankarji suċitati u ġaladarba din it-talba ser tiġi milqugħa, għaldaqstant mhija meħtieġa ebda garanzija alternattiva.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà sekwestrata fis-sens li tirrevoka u tħassar *in parte* l-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 954/2016 inkwantu dana jolqot il-kontijiet bankarji mal-Banif Bank (Malta) plc li jġibu n-numri 00488852 101 u 00488852 151, u fl-istess ħin tiċħad it-tieni talba tas-soċjetà sekwestrata, bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra s-soċjetà sekwestrata.**

Moqrija.